MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 221/2007

**Kawża Nru: 35**

**Rikors Ġuramentat Nru: 221/07 JA.**

**A**

**-vs-**

**B et noe**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-22 ta' Mejju, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

Illi l-kontendenti żżewġu fil-11 ta’ April tas-sena 1964 u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok. A.

Illi miż-żwieġ tagħhom twieldu erba’ (4) ulied, illum kollha maġġorenni.

Illi l-ħajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minħabba abbandun, sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra żewġha l-attur, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirriżulta fil-kors tal-kawża.

Illi in oltre, il-ħajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minħabba inkompatibilita’ ta’ karattru.

Illi l-partijiet ġew eżentati mill-proċess ta’ medjazzjoni stante li l-konvenuta tgħix ġewwa l-Kanada.

Tgħid għalhekk il-konvenuta għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi minħabba abbandun, sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra żewġha l-attur, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, minħabba li l-ħajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minħabba inkompatibilita’ ta’ karattur, u tawtorizza lill-attur jgħix separatament mill-konvenuta.

2. Tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas lill-attur manteniment adegwat li jogħġobha tiffissa din il-Qorti skond il-bżonnijiet ta’ l-istess attur u l-mezzi tal-konvenuta, bil-modalita’ ta’ ħin, lok, u ġurnata ta’ pagament li tiġi wkoll stabbilita, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika sabiex tagħmel tajjeb għall-awment fl-għoli tal-ħajja u għat-tnaqqis dirett mis-salarju u/jew kwalunkwe introjtu ieħor tal-konvenuta.

3. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta fis-sħiħ jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-każ, il-konvenuta titlef kull jedd li għandha għal nofs l-akkwisti li waqt iż-żwieġ ikunu saru l-aktar bil-ħila ta' l-attur u dan minn data li tiġi stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-konvenuta tkun tat lok illi ssir din is-separazzjoni.

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominand.

5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali.

6. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkonsenja lill-attur fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss, l-oġġetti parafernali tiegħu inkluż flus, *stocks*, *shares*, deheb u ħaġar prezzjuż, u fin-nuqqas tikkundannaha tħallas lill-attur il-valur tagħhom kif jiġi hekk likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

7. Tawtorizza lill-attur illi jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta nġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fis-27 ta' Settembru, 2007 li permezz tagħha B et noe esponew bir-rispett:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawża pero' jirriservaw illi jippresentaw risposta ġuramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-każ odjern.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta’ l-attur u kif ukoll id-dokumenti esebiti minnu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Novembru, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni. Għalkemm għamel diversi talbiet jidher mill-provi li ressaq, li kull ma jrid l-attur huwa li tiġi pronunzjata s-sentenza ta’ separazzjoni bejn il-kontendenti u li jiġi assenjat il-vettura u ħwejjeġ personali tiegħu (li ma jsemmix x’inhuma).

Mill-provi jirriżulta li l-partijiet iżżewġu fl-1964 u kellhom erbat itfal ilkoll illum maġġorenni. Mill-ewwel emigraw lejn il-Kanada fejn damu ħafna snin. Ġew lura fl-1985 iżda l-konvenuta riedet tmur lura. Fil-fatt hekk għamlet u l-partijiet isseparaw *de facto* fl-1992 għax l-attur baqa’ jgħix Malta. Biegħu kull ma kellhom flimkien u l-attur jippossjedi vettura u xi affarijiet mobbli li normalment wieħed isib fid-dar. Ma hemmx lok li jitħallas manteniment għaliex il-partijiet jipperċepixxu ftit jew wisq l-istess ammont ta’ flus. Ma nġabu lanqas provi li l-konvenuta għandha fil-pussess tagħha xi beni parafernali ta’ l-attur.

Il-konvenuti nomine ma jidhirx li rnexxielhom jagħmlu kuntatt mal-konvenuta.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talbiet kollha attriċi u għalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni;**

**2. tiċħad it-tieni talba;**

**3. tilqa’ t-tielet talba u tiddikjara li l-partijiet huma proprjetarji ta’ l-oġġetti fil-pussess tagħhom akkwistati wara l-1 ta’ Jannar, 1993 u għalhekk l-attur jiġi assenjat il-vettura Toyota u l-oġġetti mobbli llum fil-pussess tiegħu;**

**4. tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet;**

**5. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba;**

**6. tiċħad is-sitt talba;**

**7. tilqa’ s-seba’ talba.**

**L-ispejjeż ikunu bla taxxa prevja l-ħlas proviżorju ta’ l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------